# IL-QAWSALLA

Għadd Numru 09/07



**Paġna 1** – *I*ntroduzzjoni minn Marcel Pisani

**Paġna 2** – *A*ċċessibiltà Fiżika

**Paġna 3** – *E*sperjenza ta' bintna Isabelle

*M*ill-Edituri

**Paġna 4** – *S*ocial Work from a service user's perspective


Qegħdin fi żmien il-Festa Kbira tal-Għid. Hija festa sabiħa u l-akbar waħda fil-kalendarju tal-Knisja għaliex tfakkarna fil-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Apparti t-tradizzjonijiet marbutin ma' din il-festa (ikliet, festini, figolli) li kollna kemm aħna infittxu u nistennew, bħala nsara din il-festa ttina sinnifikat aktar importanti għaliex tfisser għalina messaġġ ta' tama, fidi u kuraġġ li l-ħajja tagħna ma tintemx bil-mewt iżda din tkun biss transizzjoni għal ħajja aħjar.

Iżda qabel Sidna Ġesu Kristu qam u rebaħ il-mewt ħtieġlu jbati, u mhux biss, iżda jmut mewta l-aktar kiefra fuq is-salib. F'din il-ġrajja, aħna li ġarrabna ħafna tbatija fil-ħajja tagħna, naraw sitwazzjoni li tixbaħ ħafna lil tagħna. Dan għaliex permezz tas-sofferenzi tagħna matul ħajjitna nsibu l-faraġ mill-konvinzjoni tal-fidi li dak li għamel Sidna Ġesù Kristu ma għamlux għalih innifsu iżda proprju biex isalva lilna lkoll u biex b'hekk inissel fina tama li s-sofferenza tagħna f'din id-dinja tissarraf f'mertu għall-ħajja li għad irridu ngħixu fil-kumpanija tiegħu għall-eternità.

Għalhekk, fuq l-isfond ta' din ir-rejaltà, nixtieq naqsam magħkom xi ftit ħsibijiet fuq il-ħidma tagħna mal-klijenti tal-Aġenzija, li jiġu ulied jew familjari tagħkom. Aħna nesiġu ċertu valuri fil-mod kif nittrattaw u naħdmu ma' persuni b'diżabilità. Fil-fatt jiena nħoss li l-akbar biċċa xogħol iebsa li aħna għandna fit-taħriġ tal-ħaddiema tagħna hija proprju li nrawmu dawn il-valuri fihom. Ħafna drabi din hija biċċa xogħol iebsa minħabba l-fatt li l-klijenti tagħna, għalinqas ħafna minnhom, għandhom u jesprimu mġieba diffiċli ħafna.

Minħabba f'hekk il-ħidma tagħhom ħafna drabi tirrikjedi impenn sod, karattru u anke sagrifiċċju personali, xi kultant anke aktar minn dak mistenni minnhom. Jiena għalhekk inqis il-ħidma tal-impjegati tagħna aktar bħala vokazzjoni u missjoni milli sempliċi mpjieg. U ta' dan jiena rikonoxxenti lejn il-ħaddiema tagħna kollha għax-xogħol siewi li jagħmlu. Dan ma jfissirx li aħna perfetti f'dak kollu li nagħmlu iżda jiena ħafna drabi jkolli nirrikonoxxi li nkun esiġenti ħafna fuq dan l-aspett għaliex nemmen li l-ħidma tagħna trid tissarraf fil-valuri li nħaddnu għall-ġid tal-klijenti tagħna.

U f'hiex jikkonsistu dawn il-valuri?

L-iskop ewlieni tal-ħidma tagħna huwa li skond iċ-ċirkostanza li fiha jkun jinsab il-klijent tagħna ntejbulu l-kwalità tal-ħajja tiegħu f'kull aspett possibli. Dan nagħmluh billi noffru lill-klijent:

Għażliet infurmati u għalhekk nuqqas ta' kontroll. Opportunitajiet indaqs u għalhekk ugwaljanza. Rispett lejn il-persuna, u lejn il-privatezza u d-dinjità tagħha. Inklużjoni fil-komunità bl-aktar mod wiesgħa. Ħidma iċċentrata fuq il-persuna u għall-persuna. Qsim ta' poter u d-determinazzjoni tal-persuna nnifisha. Li possibilment inwasslu lill-klijent jikkontribwixxi fil-potenzjal tiegħu lejn is-soċjetà u għalhekk ma' jkunx biss piż fuq l-istess soċjetà.

Ghalhekk huwa mportanti li fil-ħidma tagħna nħaddnu l-kunċett tal-protezzjoni ta' dawn il-valuri u l-klijenti tagħna billi nirrispettaw ir-relazzjoni tagħna mal-klijent, li qatt ma nqisuhom bħala familjari tagħna u nżommu d-distanza professjonali minnhom jekk irridu nilħqu l-ogħla livell ta' servizz kif mixtieq minna.

Forsi l-mod kif naħdmu mhux kulħadd jifhmu iżda huwa mportanti li wieħed jagħraf fejn irridu naslu u li l-iskop tagħna huwa wieħed biss, dak li l-persuna b'diżabilità li magħha nkunu qed naħdmu nwassluha biex ittejjeb u tkabbar il-potenzjal u l-abilità tagħha biex permezz tal-presenza u l-parteċipazzjoni tagħha fil-komunità fejn tgħix hija tilħaq l-ogħla livell ta' għixien possibli.

Nagħlaq billi nixtieq lilkom ilkoll u l-familji tagħkom l-Għid Imqaddes mimli barka u sliem. Saħħa.

*Marcel Pisani*

Kap Operattiv - Aġenzija SAPPORT

# Aċċessibiltà Fiżika

Minkejja li f'dawn l-aħħar snin ilu jingħad dwar li l-pesuna b'diżabilità għandha d-dritt li jkollha aċċess għal kull post pubbliku, għad fadal postijiet ta' entità pubblika li il-persuni b'diżabilita' m'għandhomx aċċess għalihom.

Però bla tlaqliq jista` jingħad li sar progress konsiderevoli. Il-periti qed ikollhom taħriġ apposta kif jindirizzaw proġetti pubbliċi u postijiet ta' akkomodazzjoni. Barraminhekk, il-Kummisjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità ħejjiet linji ta' gwida biex jiġu osservati minn periti u disinjaturi ta' żvilupp ta' bini u postijiet pubbliċi. Sar tibdil fil-liġi u saru regolamenti li permezz tagħhom l-istess Kummisjoni ngħatat id-dritt li tivvetja l-pjanti ta' bini pubbliku. Qabel ma l-Kummissjoni taqbel li l-bini jkun skond dawn il-linji ta' gwida, il-permessi ma joħorgux. B'hekk qed issir assigurazzjoni fuq l-aċċessibiltà.

L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (M.E.P.A.) tibgħat l-applikazzjonijiet kollha għal żvilupp ta' użu pubbliku lill-Kummissjoni, u tapprovahom biss jekk il-Kummisjoni tkun aċċettat l-adegwità tad-dettalji li jinfluwixxu fuq aċċessibiltà. Jiġu meqjusa sa anke dettalji fl-art li jeċċedu ftit millimetri. Tip ta' żvilupp li fuqu jsiru dawn it-tip ta' konsultazzjonijiet mill-M.E.P.A. mal-Kummissjoni jinkludu kliniċi, banek, uffiċini ta' aġenziji pubbliċi u kunsilli lokali, skejjel, kumplessi ta' ħwienet, fabbriki, knejjes u ċentri parrokjali, kumplessi sportivi u rikrejattivi, u ħafna oħrajn.

Meta jkun hemm ostakli, bħal per eżempju bini li fih taraġ kif tidħol u m'hemmx aċċess ta' lift, bankini għoljin jew bla rampi kif suppost, jew arbli li jitpoġġew f'nofs ta' bankina b'konsegwenza li jkunu ta' barrieri għall-persuni b'nuqqas ta' mobilità, ATMs li jiġu impoġġija fil-baxx iżda imbagħad b'nuqqas ta' attenzjoni l-aċċess għal-istess ATM ikun dejjaq għal *wheelchair*, dawn għandhom ikunu rimedjati b'attenzojni urġenti.

**Bżonn ta' għarfien** (***Awareness***): L-aktar fost dawk in-nies li huma responsabbli minn proġetti u disinji ta' pjanti, kif ukoll oħrajn li għalkemm m'humiex direttament involuti jew m'għandhomx problemi ta' diżabilità, għandhom jagħrfu l-ħtieġa ta' dawk il-miżuri li jkunu qed jittieħdu minħabba l-istess persuni b'diżabilità. Fil-gejjieni trid tingħata aktar importanza għall-postijiet ta' rikrejazzjoni li huma mfittxija minn Maltin u anke turisti b'diżabilita'.

L-aċċessibiltà fiżika ma tikkonċernax biss lil min ma jċaqlaqx saqajh jew idejh sew imma ankè lill-persuni neqsin mid-dawl, bħal per eżempju, għaliex aħna jirnexxielna norjentaw ruħna waħedna skond kemm ikun sempliċi l-ambjent ta' madwarna. Aktar ma jkun sempliċi u linejari, aktar ikun faċli għalina nimmaġinawħ f'moħħna u hekk inkunu nistgħu norjentaw ruħna b'aktar faċilita'. Dan jista japplika ukoll għal min hu nieqes mis-smiegħ jew min għandu diżabilIta' intelletwali.

Joe Borg
Professional Support Worker - Aġenzija SAPPORT

# Esperjenza ta' Bintna Isabelle

Il-futur ta' l-ulied b'diżabilità huwa inkubu kbir għall-familja ta' dik il-persuna. Aktar ma jgħaddu s-snin u l-ġenituri jibdew iħossu t-toqol ta' l-età u fl-istess ħin il-problema u l-ħtigijiet ta' dawn l-ulied jikbru magħhom, dan il-ħsieb ma jieqafx iberren f'moħħ il-ġenituri. X'ser jiġri wara mewtna?

Għal din il-mistoqsija ma' ssib ebda tweġiba. Wasalna f'mument fejn konna qed naqtgħu qalbna kif ser inkomplu nġorru dan il-piż. It-tifla tagħna kienet hija wkoll għaddejja minn perjodu ta' mġieba diffiċli. Wara ħafna qtigħ il-qalb Isabelle daħlet fir-residenza Villino Maria fl-Imtarfa. Kienet deċiżjoni iebsa li kellna nieħdu. Ma konniex nafu kif Isabelle sejra tirrjeġaxxi għal din is-sitwazzjoni.

Staqsejna lilna nfusna jekk konniex lejali lejn bintna. Għall-bidu, biex Isabelle tadatta ruħha għal dan l-ambjent, kienet tmur Villino Maria għal perjodi qosra ta' ġurnata jew tnejn, u peress li hija kienet ġa mdorijja tmur għal *respite stays* ġo Dar il-Kaptan u Dar l-Arka, dan ma deherx diffiċli għaliha kif ukoll għalina. Iżda meta kienu jkunu perjodi itwal minn tas-soltu, aħna ċerti li Isabelle kienet għadha ma' fehmitx x'kien ġara. Hawn kienet tkun għafsa ta' qalb kbira għalina meta konna immorru narawha u noħorġuha u nerġgħu lura ir-residenza l-ġdida. Konna wkoll insibuha wara l-bieb bil-baskett lest bħal kieku hija kienet sejra lura d-dar tagħha. Niftakar meta darba Isabelle kienet sejra l-Belt ma' waħda mis-Support Workers tar-residenza bil-karozza tal-linja u din waqfet fuq il-*bus stop* viċin id-dar tagħna, u Isabelle ġriet tħabbat il-bieb tad-dar.

Issa għaddew kważi tlett snin li Isabelle daħlet ġo din ir-residenza u ftit xhur oħra tagħlaq 30 sena. Saru fiha bidliet posittivi iżda xorta għadha persuna li teħtieġ għajnuna, *monitoring* u mħabba. Jidher li addatat ruħha għal dan l-istil ta' ħajja ġo din il-komunità żgħira. Il-bniedem min-natura tiegħu jadatta ruħu għall-kundizzjonijiet ġodda. Iżda diffiċilment jista' isib sostituzzjoni għad-dar u għall-ġenituri tiegħu.
Irridu nirringrazzjaw lill-mangement ta' l-Aġenzija SAPPORT u lis-Support Workers tad-djar. Lis-Support Workers ta' dawn id-djar nixtiequ nħeġġuhom biex jaħdmu flimkien għall-ġid tal-klijenti tagħhom u juruhom mħabba.

*Victor u Mary Ellul*
Il-ġenituri ta' Isabelle

## Mill-Edituri....

Infakkru lil kull min qiegħed jirċievi n-*newsletter* biex tressqulna l-kummenti tagħkom. B'hekk biss inkunu nafu jekk il-kontenut ikunx qed jolqot il-gosti tagħkom. Inħeġġukom biex tibgħatu l-kummenti u kontributi tagħkom lill-: **Edituri - Il-Qawsalla,** Aġenzija SAPPORT, Blk A. Town Centre, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa MTF154O.

Tistgħu tiktbu wkoll lill-edituri fuq l-email:
clifford.portelli@gov.mt jew mariella.cadona@gov.mt
*clifford portelli u mariella cardona*
Edituri

# Disability Social Work Service – from a Service User's Perspective

Society can look at disabled persons through various different 'lenses'. Disabled people can be viewed as helpless, leading tragic lives, needing 'help' in everything they need to do, needing to be protected, needing to be told 'what is best for them', needing to be 'fixed' to be able to fit in…

Thankfully, over these last years this 'lens' has been used to a lesser extent, much to the credit of growing disability movements who have advocated for a different perspective, a different way of looking at disability and disabled people. Disabled people have advocated for a perspective which recognizes the fact that most of the challenges that they come across in society, do not arise from the impairments per se, but from barriers arising from society's inability, refusal sometimes, to adapt to, to accommodate for, the different (not 'special') needs that disabled people may have. This perspective became to be known as the 'Social Model of Disability'.

The role of a Social Work Service, in my view, is to support disabled people and their families in their endeavour against the above-mentioned barriers. To be able to carry out this effectively, it is important that such Service adheres to a number of values and principles.

Most importantly, it is crucial that a Social Work Service really believes and really strives to base its practice on the Social Model described above. From my own personal contact with the very valid work that the Social Work Service within Aġenzija SAPPORT carries out, I have come to understand that it is vital that the social worker strives to engage into a dialogue with the disabled service user as much as possible, to really try to understand the real issues, the real concerns of the person or of the family. It is important not to let oneself fall into the trap of assuming what is 'best' for the individual. It is also important that the social worker does his/her utmost to empower the service user to, as much as possible, advocate and fight for his/her own rights, thus doing away with the notion that disabled people need continuous 'help' in every stage of every endeavour they engage themselves in. The role of a social worker, in my view, is to empower the disabled person and his/her family to move away from dependence towards interdependence. The social worker does need to be 'present' in the service user's life but not to see to his/her 'every need' or his/her 'every struggle' – rather, to be of support. It is the service user that is to have control, to have the ability to make his/her own choices. It is the social worker's role to help service users increase the possibility of making different choices with respect to various aspects in one's life, choices, which very often non-disabled people take for granted.

Social workers in the disability field have a great potential to be very important allies in the lives of disabled people and in their struggle for equal opportunities, and indeed, they are!

*Ronald Balzan*

Administrative Secretarial Clerk - Aġenzija SAPPORT